

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Rikonoxximent U Infurzar Tad-deċiżjonijiet Tal-qorti](#) > Kif tinforza deċiżjoni ta' qorti

Kif tinforza deċiżjoni ta' qorti

Meta Qorti tkun involuta fir-riżoluzzjoni ta' tilwima, jeħtieġ li jittieħdu żewġ passi fl-aħħar tal-proċess. L-ewwel, il-Qorti għandha tagħti s-sentenza u mbagħad is-sentenza għandha tiġi eżegwita fil-prattika.

Sabiex iġġiegħel lill-parti l-oħra (il-konvenut jew id-debitur tiegħek) jikkonforma mas-sentenza kontriha (pereżempju biex tħallas), ikollok tirrikorri għand l-awtoritajiet tal-eżekuzzjoni. Huma biss għandhom is-setgħa li jġiegħlu lid-debitur iħallas, billi jirrikorru għand il-forzi tal-liġi u tal-ordni jekk dan ikun meħtieġ.

Skont [ir-Regolament Brussell I \(riformulazzjoni\)](#) li jirrigwarda r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'każijiet transkonfinali, jekk għandek sentenza eżekutorja mogħtija fl-Unjoni Ewropea, tista' tmur għand l-awtoritajiet eżekutorji fi Stat Membru ieħor fejn pereżempju d-debitur għandu l-assi mingħajr il-ħtieġa ta' proċedura intermedjarja (ir-Regolament jabbolixxi l-proċedura ta' "exequatur"). Id-debitur li kontrih int qed titlob l-eżekuzzjoni jista' jitlob lill-qorti r-rifużjoni ta' eżekuzzjoni. L-ismijiet u l-lokalità ta' dawk il-qradi kompetenti u l-qradi għal appelli ulterjuri huma pprovduti [hawnhekk](#).

L-għan tal-eżekuzzjoni huwa ġeneralment biex jiġu rkuprati somom ta' flus, iżda jista' wkoll ikun biex jiġi eżegwit xi dmir ieħor (id-dmir li tagħmel jew tastjoni milli tagħmel xi ħaġa, bħalma huma l-fornitura ta' merkanzija jew it-tlestija ta' xi xogħlijiet jew li wieħed jastjoni milli jidhul fil-proprietà ta' ħaddieħor).

Jistgħu jintużaw proċeduri Ewropej differenti (bħalma huwa l-[Ordni ta' Ħlas Ewropew](#), il-[Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħira](#) u l-[Ordni Ewropew ta' Infurzar](#)) fil-każijiet ċivili transkonfinali, iżda fil-każijiet kollha, sentenza għandha tiġi eżegwita f'konformità mar-regoli u l-proċeduri nazzjonali tal-Istat ta' eżekuzzjoni (is-soltu fejn id-debitur jkollu l-assi tiegħu).

Fil-prattika, jeħtieġ li jkollok dokument eżegwibbli (sentenza tal-qorti jew att) jekk tixtieq tapplika għall-eżekuzzjoni. Il-proċeduri ta' eżekuzzjoni u l-awtoritajiet li jistgħu jipproċessawhom (il-qradi, l-aġenziji tal-ġbir tad-debiti u l-bailiffs) jiġu deċiżi permezz tal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru meta tiġi mitluba l-eżekuzzjoni.

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

Hoġqa relatata

L-[atlas tal-infurzar](#), żviluppat minn proġett iffinanzjat mill-UE, jipprovdi informazzjoni dwar il-proċeduri ta' infurzar (proċeduri, rekwiżiti, kompetenza, spejjeż u mument propizju) fis-sistemi ta' infurzar tal-pajjiżi tal-UE u tar-Renju Unit.

L-[atlas tal-infurzar](#), żviluppat minn proġett iffinanzjat mill-UE, jipprovdi informazzjoni dwar il-proċeduri ta' infurzar (proċeduri, rekwiżiti, kompetenza, spejjeż u mument propizju) fis-sistemi ta' infurzar tal-pajjiżi tal-UE u tar-Renju Unit.

L-aħħar aġġornament: 02/06/2023

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe

informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.